

Brussell, 2 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10704/25
ADD 1
LIMITE
PV CONS 34
TRANS 256
TELECOM 210
ENER 294

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
16 ta' Ġunju 2025

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **REPowerEU - pjan direzzjonali** 9699/25
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-pjan direzzjonali REPowerEU.

4. **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija** 10055/25
permezz tar-rinfurzar tas-sigurtà tal-enerġija
Approvazzjoni

Il-Presidenza ħarġet konklużjonijiet tal-Presidenza dwar it-tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija permezz tar-rinfurzar tas-sigurtà tal-enerġija.

L-Awstrija u Spanja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, appoġġata bil-fomm mil-Lussemburgu, kif tinsab fl-Anness.

Il-Polonja u d-Danimarka ppreżentaw dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

Affarijiet oħra

5. g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-Danimarka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 9985/25

Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Uzbekistan

Dwar il-punt "A"
nru 1:

- a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni
Adozzjoni
- b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tista' taċċetta l-approċċ propost. Madankollu, għal raġunijiet kostituzzjonali, l-Awstrija tista' tapplikab'mod proviżorju biss il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika tal-Uzbekistan fis-sens ta' dritt internazzjonali mid-data li fiha tkun innotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala d-depożitarju tal-Ftehim, bit-tlestija tal-proċeduri domestiċi tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tilqa' l-kooperazzjoni ta' approfondiment bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Uzbekistan u tappoġġa bil-qawwa l-applikazzjoni proviżorja u l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim).

Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Ftehim, l-Ungerija tinnotta li hija għadha impenjata bis-sħiħ li tiżgura l-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-aktar delitti serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi inkluż il-ġenoċidju, id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità kemm abbażi tal-leġiżlazzjoni kriminali domestika tagħha, f'konformità mal-prinċipju tal-universalità, kif ukoll id-dedikazzjoni kontinwa tagħha għall-appoġġ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livelli internazzjonali u nazzjonali bil-ħsieb li jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi ta' dawn id-delitti. Madankollu, l-Ungerija jiddispjaċiha dwar il-politiċizzazzjoni reċenti ta' ċerti deċiżjonijiet minn forum ġudizzjarju internazzjonali daqstant importanti, li wasslu biex l-Ungerija nnotifikat lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-irtirar tagħha mill-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-2 ta' Ġunju 2025. L-irtirar mill-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali huwa mingħajr preġudizzju għat-twettiq tal-obbligi tal-Ungerija li jirriżultaw mid-dritt tal-UE."

Dwar il-punt "B" **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija permezz tar-**
nru 4: **rinfurzar tas-sigurtà tal-enerġija**
 Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-AWSTRIJA U SPANJA

"L-Awstrija u Spanja jappoġġaw it-tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija fit-tul fl-Ewropa. Għall-Awstrija u Spanja, l-enfasi hija fuq l-espansjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija sikuri, sostenibbli u ekoloġiċi - b'mod partikolari sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-enerġija idroelettrika u l-enerġija mir-riħ u mix-xemx skalabbli malajr - kif ukoll miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Il-finanzjament tal-UE għandu jkun immirat lejn proġetti fil-qasam tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Minn perspettiva Awstrijaka kif ukoll Spanjola, it-terminu "enerġija nadifa" jkopri biss teknoloġiji li huma sikuri, sostenibbli u ekoloġiċi fit-tul. Għall-Awstrija u Spanja, dan mhuwiex il-każ għall-enerġija nukleari."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA U D-DANIMARKA

"Fis-6 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar "Pjan direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa" li fiha ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tippreżenta proposti leġiżlattivi biex jiġu implimentati l-azzjonijiet ippreżentati fil-Pjan Direzzjonali.

Il-Presidenza attwali u dik li jmiss, il-Polonja u d-Danimarka ħadu nota ta' dik l-intenzjoni u ddiskutew kif tista' tiġi kkoordinata b'mod effettiv il-ħidma tal-Kunsill dwar dawk il-proposti.

Konsegwentement, l-intenzjoni tagħhom hija li jibdwu il-ħidma hekk kif il-proposti tal-Kummissjoni jiġu adottati, jekk applikabbli diġà f'Ġunju, u jagħmlu progress malajr kemm jista' jkun."